IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.10.2011
KUMM(2011) 608 finali

2011/0269 (COD)

C7-0319/11 MT

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014 - 2020)**

{SEG(2011) 1133 finali}

{SEC(2011)1130 final}

{SEC(2011)1131 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-kuntest ġenerali**

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Baġit għall-Ewropa 2020"[1] il-Kummissjoni Ewropea saħqet dwar il-ħtieġa li tittratta b'mod effettiv għadd ta' sfidi li joħolqu theddida serja għall-koeżjoni soċjali u għall-kompetittività. Dawn l-isfidi li qed joħolqu pressjoni huma prinċipalment: nuqqasijiet fil-livelli tal-ħiliet, rendiment baxx tal-politika tas-suq tax-xogħol attiv u fis-sistemi edukattivi, l-esklużjoni soċjali tal-gruppi marġinalizzati u mobbiltà baxxa tal-ħaddiema.

F'dan il-kuntest, hija rikonoxxuta l-ħtieġa li jkun ipprovdut, għat-tul kollu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) 2014 – 2020, appoġġ speċifiku ta' darba għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar ipprovokati mill-globalizzazzjoni li qed tiżdied ta' xejriet ta' produzzjoni u ta' kummerċ. Bħalma ġara fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, dan l-appoġġ speċifiku għandu jingħata permezz tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), wieħed mill-istrumenti speċjali kurrenti li l-mobilizzazzjoni tiegħu ma taffettwax il-limitu tan-nefqa tal-MFF.

Fl-istess Komunikazzjoni l-Kummissjoni indikat li permezz tal-FEG l-Unjoni se tkun tista' wkoll tipprovdi sostenn f'każijiet ta' sensji fuq skala kbira li jirriżultaw minn taqlib serju fl-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali ikkawżat minn kriżi mhux mistennija. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG għalhekk se jkompli jestendi biex jipprovdi appoġġ tranżitorju għall-bdiewa biex jiffaċilita l-adattament tagħhom għall-qagħda ġdida tas-suq li tirriżulta mill-konklużjoni tal-Unjoni dwar ftehimiet kummerċjali li jaffettwaw il-prodotti agrikoli.

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie inizjalment stabbilit għat-tul tal-perjodu ta' programmar 2007 - 2013 bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006[2] biex jipprovdi lill-Unjoni bi strument għat-turija ta' solidarjetà ma' ħaddiema u l-għoti ta' appoġġ lilhom wara li ngħataw is-sensja minħabba f'bidliet stutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija kkawżati mill-globalizzazzjoni fejn dawn is-sensji għandhom impatt sinifikanti mhux mixtieq fuq l-ekonomikja reġjonali jew lokali. Billi jikkofinanzja l-miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol attiv, il-FEG jimmira li jiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol li ġarrbu xokk minn taqlib serju fl-ekonomija.

Fid-dawl tal-iskala u tar-ritmu mgħaġġel li bih żviluppat il-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-2008, il-Kummissjoni Ewropea, fil-Pjan Ewropew tagħha ta' Rkupru Ekonomiku[3], ħasbet li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Apparti minn xi

---

[1] COM(2011) 500 finali, 21.2.2011.
[2] ĠU L 406, 5.12.2008, p. 1.
[3] COM(2008) 800 finali, 21.2.2011.

bidliet permanenti msejsa fuq l-ewwel snin ta' implimentazzjoni tal-FEG, l-għan ewlieni ta' din ir-reviżjoni[4] kien li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG jiġi estiż mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex tkun permessa t-turija ta' solidarjietà tal-Unjoni u l-għoti ta' appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba f'konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u biex iżżid ir-rata ko-finanzjarja minn 50 % għal 65 % u b'hekk jitnaqqas il-piż għall-Istati Membri. Filwaqt li qieset il-qagħda ekonomika attwali u l-ħtieġa għall-konsolidazzjoni fiskali, il-Kummissjoni ppproponiet[5] li tiġi estiża d-deroga temporanja ta' kriżi sal-31 ta' Diċembru 2013, jiġifieri tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-għan ewlieni ta' din il-proposta huwa li tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-operazzjoni tal-FEG fil-perjodu ta' programmar li jmiss f'konformità mal-prinċipji bażiċi stipulati għall-MFF 2014 - 2020, li wkoll estenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG biex jinkludi l-bdiewa.

F'konformità mal-għan ewlieni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 il-proposta timmira li turi solidarjetà f'livell tal-Unjoni mal-ħaddiema li ngħataw is-sensja affettwati minn ċirkostanzi eċċezzjonali u li tipprovdi appoġġ lejn l-integrazzjoni rapida tagħhom mill-ġdid fid-dinja tal-impjiegi f'konformità mal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020.

Speċifikament, il-FEG se jipprovdi appoġġ f'każijiet fejn il-ħaddiema tilfu l-impjieg minħabba f'bidliet strutturali prinċipali fis-sistemi kummerċjali dinjija, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni inizjali tal-FEG kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-FEG jkun jista' wkoll jaġixxi f'każjiet ta' kriżi mhux mistennija li jwasslu għal taqlib serju fl-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali. Kriżijiet mhux mistennija jistgħu jinkludu, pereżempju, riċessjoni kbira f'imsieħba kummerċjali importanti, kollass tas-sistema finanzjarja komparabbli ma dik li seħħet fl-2008, problema serja ta' enerġija jew tal-forniment ta' merkanzija primarja, diżastru naturali, eċċ. Il-FEG se jkun disponibbli wkoll biex jgħin bdiewa jaġġustaw għal sitwazzjoni ta' suq ġdid riżultat ta' ftehim kummerċjali, bħal ftehim dwar prodotti agrikoli konkluż mill-Unjoni. Eżempji ta' ftehimiet kummerċjali possibbli bħal dan li jmiss huma dawk li għaddejjin minn negozjati mal-pajjiżi Mercosur, jew fil-kuntest tal-Organizzazzjoni tal-Kummerċ Dinji skont l-Aġenda tal-Iżvilupp ta' Doha.

Biex ikun żgurat li l-FEG jibqa' strument validu fuq livell Ewropew, applikazzjoni għall-FEG għall-appoġġ tal-ħaddiema tista' tinbeda meta l-għadd ta' sensji jilħaq livell minimu. L-esperjenza mit-tħaddim tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 wriet li l-limitu ta' 500 sensja f'perjodu ta' referenza partikolari huwa limitu aċċettabbli, b'mod partikolari meta titqies il-possibbiltà tat-tressiq ta' applikazzjonijiet għal għadd aktar baxx ta' sensji fi swieq tax-xogħol iżgħar jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

Rigward is-settur agrikolu, applikazzjoni għall-FEG tiġi adottata fuq bażi differenti. Fl-analiżi li twettqet mis-servizzi tal-Kummissjoni għan-negozjati kummerċjali, għandu jingħata tagħrif *ex-ante* dwar is-setturi u / jew prodotti li x'aktarx jiġu

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009, ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26.
[5] COM(2011) 336 finali, 21.2.2011.

affettwati miż-żieda fl-importazzjonijiet bħala riżultat dirett ta' ftehimiet kummerċjali. Ladarba il-ftehim kummerċjali jinbeda, id-dipartimenti tal-Kummissjoni jiċċekkjaw aktar is-setturi jew il-prodotti li għalihom hija mistennija żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet mill-Unjoni u l-waqgħa sinifikanti fil-prezzijiet u jevalwaw l-effett probabbli fuq id-dħul mis-settur. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni se taħtar setturi agrikoli jew prodotti u, fejn huwa rilevanti, reġjuni bħala eliġibbli għal appoġġ possibbli mill-FEG. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jressqu applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni mill-FEG, sakemm ikunu jistgħu jipprovaw li setturi jew prodotti eliġibbli esperjenzaw telf sinifikanti relatat mal-kummerċ, li l-bdiewa li jaħdmu f'dawn is-setturi qed jiġu affettwati u li huma identifikaw u poġġew fil-mira l-bdiewa affettwati.

Biex ikun żgurat li huwa disponibbli appoġġ mill-FEG għal ħaddiema indipendentament mill-kuntratt tal-impjieg jew mir-relazzjoni tal-impjieg tagħhom, it-terminu "ħaddiema" qed jiġi estiż biex jinkludi mhux biss ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg b'tul ta' żmien indefinit skont ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006, iżda wkoll ħaddiema b'kuntratti fuq perjodu fiss, ħaddiema temporanji tal-aġenziji u sidien-ġestjonarji ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u ħaddiema għal rashom (inklużi l-bdiewa).

Billi l-aċċess għall-appoġġ tal-FEG huwa kkondizzjonat mill-fatt li l-ħaddiema jridu jkunu tilfu l-impjieg, jew fil-każ tal-bdiewa li ma għadhomx iwettqu dik il-parti tal-attività tagħhom affettwata mill-ftehim kummerċjali rilevanti, il-proposta fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kif is-sensja għandha tgħodd għal kull ħaddiem.

Il-FEG huwa mfassal biex jikkontribwixxi għall-għanijiet ta' tkabbir u impjiegi tal-istrateġija Ewropa 2020. Għalhekk, huwa jiffoka fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida f'impjieg stabbli tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. L-istess bħar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, din il-proposta tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal pakkett ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol. Ma tistax tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri passivi billi dawn mhumiex kompatibbli mal-għanijiet ta' tkabbir u impjiegi tal-istrateġija Ewropa 2020. L-allowances jistgħu jkunu biss inklużi jekk ikunu mfassla bħala inċentivi biex jiffaċilitaw is-sehem tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-miżuri attivi ta' politika dwar is-suq tax-xogħol. Biex ikun żgurat bilanċ raġonevoli bejn il-miżuri reali attivi ta' politika dwar is-suq tax-xogħol u allowances "attivati", is-sehem ta' allowances f'pakkett koordinat ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol huwa limitat.

Għall-bdiewa, inklużi l-membri kollha tal-familja agrikola attivi fir-razzett, il-miżuri jkunu jiffukaw fuq il-kisba ta' taħriġ u ta' ħiliet xierqa u fuq l-użu ta' servizzi konsultattivi li jgħinuhom jimpenjaw irwieħhom f'attivitajiet ġodda u jorjentaw mill-ġdid l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, fi u / jew barra l-agrikoltura, kif ukoll biex jappoġġjaw sa ċertu punt limitat l-investimenti inizjali fit-tibdil jew l-aġġustament tal-attivitajiet tagħhom biex jgħinhom isiru strutturalment aktar kompetittivi u b'hekk jassiguraw il-mezzi tal-għajxien tagħhom. L-appoġġ jista' jingħata wkoll lill-attivitajiet ta' kooperazzjoni bl-għan li jinħolqu alternattivi ġodda tas-suq speċjalment għall-bdiewa fuq skala żgħira.

Il-FEG qed jitpoġġa 'l barra mill-MFF minħabba l-karatteristiċi mhux prevedibbli u urġenti taċ-ċirkostanzi li jippermettu l-użu tiegħu. Madankollu, l-effettività tiegħu sofriet mill-ħtieġa ta' proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet twil u proċedurali. It-tqassir

kemm jista' jkun possibbli tal-medda ta' żmien bejn id-data ta' applikazzjoni għall-appoġġ mill-FEG u d-data ta' ħlas, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, għandhom ikunu ta' interess komuni għall-partijiet kollha involuti fil-proċess tal-FEG. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex iressqu applikazzjoni kompluta minnufih ladarba l-kriterji rilevanti jkunu ntlaħqu; il-Kummissjoni għandha tevalwa u tikkonkludi dwar l-eliġibbiltà ftit wara t-tressiq ta' applikazzjoni kompluta, u l-awtorità baġitarja għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar l-għoti tal-finanzjament tal-FEG malajr. Sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu fil-bidu tas-sena, il-Kummissjoni se tkompli tipproponi ammont minimu f'pagament ta' approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja rilevanti fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali.

Fid-dawl tan-natura imprevedibbli tal-ħtiġijiet li jinqalgħu għall-appoġġ mill-Fond, huwa meħtieġ li tkun riservata parti mill-ammont annwali massimu għal applikazzjonijiet li jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji wara Settembru ta' kull sena. F'każ li l-ħtiġijiet għall-appoġġ mill-Fond jaqbżu l-ammont disponibbli li jibqa', il-proposti tal-Kummissjoni għandhom jirrifflettu l-proporzjoni stipulat għall-appoġġ tas-settur agrikolu waqt il-perjodu tal-MFF.

L-għajnuna mill-FEG se tkun komplimentari għall-isforzi tal-Istati Membri, fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Għal raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja soda l-FEG ma jistax jieħu post miżuri li huma diġà koperti mill-Fondi u l-Programmi tal-Unjoni inklużi fl-MFF. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG lanqas ma tista' tieħu post miżuri li huma fir-responsabbiltà tal-kumpaniji li jagħtu s-sensja skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Il-proċedura tal-baġit fil-proposta ssegwi direttament mill-punt 13 tal-abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali[6]. Kull meta huwa possibbli, il-proċess se jitqassar u se jiġi ssimplifikat.

Fid-dawl tal-fatt li l-miżuri kofinanzjati mill-FEG huma implimentati permezz ta' ġestjoni maqsuma mal-Istati Membri, il-mekkaniżmu tal-ħlas għall-kontribuzzjoni finanzjarja se jibqa' pari ma' dawk applikati għall-mod ta' ġestjoni tal-baġit tal-Unjoni. Fl-istess ħin, l-arranġamenti finanzjarji għandhom jirriflettu l-ambitu tal-azzjonijiet li jkunu se jittieħdu mill-Istati Membri kif proposti fl-applikazzjonijiet tagħhom.

Ir-rata ta' kofinanzjament se tkun immodulata, b'kontribuzzjoni ta' 50 % għall-kost tal-pakkett u l-implimentazzjoni tiegħu bħala norma, u l-possibbiltà li din ir-rata togħla għal 65 % fil-każ ta' applikazzjonijiet imressqa minn dawk l-Istati Membri li fit-territorji tagħhom ikollhom tal-anqas reġjun wieħed f'livell NUTS II li huwa eliġibbli skont l-objettiv ta' "Konverġenza" tal-Fondi Strutturali. L-għan ta' din il-modulazzjoni huwa biex ikun żgurat li l-espressjoni ta' solidarjetà tal-Unjoni mal-ħaddiema f'dawn l-Istati Membri u reġjuni ma tkunx ostakolata minn nuqqas ta' riżorsi ta' kofinanzjament mill-Istat Membru, kif rikonoxxut mir-rati ta' kofinanzjament ogħla stabbiliti skont il-Fondi Strutturali. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni ta' tali applikazzjonijiet, se tiddeċiedi jekk ir-rata ta' kofinanzjament ogħla hijiex ġustifikata fil-każ speċifiku propost mill-Istat Membru.

---

6 COM(2011) 403 finali, 21.2.2011.

Wieħed mill-messaġġi ewlenin għall-perjodu 2014 – 2020 huwa li n-nefqa fil-livell tal-Unjoni għandha tkun orjentata lejn ir-riżultati, biex b'hekk ikun żgurat li l-output u l-impatt tan-nefqa jixprunaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-kisba tal-miri tagħha. Għan-nefqa relatata mal-FEG, l-MFF tistabbilixxi l-mira li mill-inqas 50 % tal-ħaddiema mgħejjuna permezz tal-FEG għandhom isibu impjieg ġdid u stabbli wara 12-il xahar. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja jekk l-Istati Membri humiex jagħmlu ħilithom b'suċċess lejn din il-mira, l-Istati Membri se jippreżentaw rapport interim dwar l-implimentazzjoni ta' appoġġ mill-FEG wara 15-il xahar. Fi ħdan l-istess approċċ orjentat lejn ir-riżultati, il-proposta toffri l-possibbiltà li l-Istati Membri, soġġetti għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni, jistgħu jemendaw il-miżuri attivi ppjanati tal-politika dwar is-suq tax-xogħol jekk matul il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar miżuri oħra jsiru aktar rilevanti u promettenti biex tintlaħaq rata ta' riintegrazzjoni ogħla.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Kif indikat fil-Komunikazzjoni[7] dwar il-MFF, il-Fondi Strutturali, inklużi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) se jagħtu l-fondi għal azzjonijiet strutturali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Dan il-finanzjament se jkun ikkonċentrat fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, jiġifieri l-promozzjoni tal-impjiegi, l-investiment fil-ħiliet, l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar kif ukoll it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti. Kemm il-FSE kif ukoll il-FEŻR jikkonsistu minn programmi multiannwali b'appoġġ għal miri strateġiċi u fit-tul, partikolarment l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturar. Il-FEG, min-naħa tiegħu, hu stabbilit biex jipprovdi appoġġ f'ċirkostanzi eċċezzjonali u l-barra minn rutina ta' pprogrammar multiannwali.

Kif indikat fl-istess Komunikazzjoni, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) se żżomm l-istruttura attwali tagħha msejsa fuq żewġ pilastri u se tissokta tipprovdi appoġġ dirett lill-bdiewa u tappoġġja l-miżuri tas-suq, iffinanzjati għal kollox mill-baġit tal-UE. Hija se tkompli wkoll tagħti prodotti pubbliċi ambjentali speċifiċi, ittejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika u tal-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali taħt it-tieni pilastru tagħha, u b'mod partikolari taħt l-appoġġ ipprovdut mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-istess bħall-Fondi Strutturali, il-FAEŻR jikkonsisti minn programmi multiannwali b'appoġġ għal miri strateġiċi u fit-tul.

Il-FEG, min-naħa tiegħu, huwa stabbilit biex jipprovdi s-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea permezz ta' appoġġ limitat fiż-żmien lill-ħaddiema li qed jitilfu l-impjieg u lill-bdiewa li jkollhom bżonn ibiddlu jew jaġġustaw is-settur tal-produzzjoni f'ċirkustanzi eċċezzjonali u 'l barra mir-rutina ta' pprogrammar multiannwali.

Biex tippromwovi l-użu effettiv tal-istrumenti ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, l-għażla tal-istrument għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' jekk is-sensji humiex ikkawżati minn fatturi strutturali jew minn deterjorament temporanju tal-qagħda tal-impjiegi kkawżat mill-fatturi definiti fir-Regolament.

---

[7] COM(2011) 500 finali, 21.2.2011.

- **Konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħra tal-Unjoni**

Il-FEG jikkontribwixxi għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, li għandhom jippermettu li l-UE toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi, u tressaq l-ekonomija tagħha lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien ma' livell għoli ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali. Fil-Komunikazzjoni tagħha[8] "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir għaqli, sostenibbli u inklużiv", il-Kummissjoni tenfasizza r-rwol tal-FEG fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija "Politika industrijali fl-era tal-globalizzazzjoni", partikolarment fid-dawl tar-ridistribuzzjoni tal-ħiliet għas-setturi u s-swieq emerġenti li qed jaraw tkabbir sinifikanti.

- **L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali**

Din il-Proposta ma għandha l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

Saru żewġ konferenzi għall-partijiet interessati biex jiġi diskuss il-futur tal-FEG, fil-25-26 ta' Jannar 2011[9] u fit-8 ta' Marzu 2011[10].

Inġabret evidenza[11] dwar l-aċċettazzjoni tal-FEG billi ġew mistoqsija esperti mill-Istati Membri dwar il-futur tal-FEG permezz ta' żewġ kwestjonarji mibgħuta lilhom fis-26 ta' Awissu 2010 u fit-12 ta' Ottubru 2010 kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej permezz ta' kwestjonarju mibgħut lilhom fit-2 ta' Frar 2011. Irrispondew ħamsa u għoxrin Stat Membru; relattivament kienu ftit l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali li wieġbu iżda ħadu sehem b'mod attiv fil-konferenzi. Esperti mill-Istati Membri kienu wkoll ikkonsultati matul laqgħa ta' esperti f'Porto fid-29/30 ta' Settembru 2010[12] u fi Brussell fid-9 ta' Marzu 2011[13]. Ir-riżultat prinċipali ta' dawn il-konsultazzjonijiet kien appoġġ enormi għal strument rapidu ta' intervent għall-kriżijiet fil-każ ta' sensji fuq skala kbira. Madankollu l-kumplessità tal-proċedura u d-dewmien tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet qalgħu kritika ħarxa mingħand kulħadd.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm il-ħtieġa ta' esperti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

[8] COM(2010) 2020 finali, 21.2.2011.
[9] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=326&eventsId=320&furtherEvents=yes
[10] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=326&eventsId=323&furtherEvents=yes
[11] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=6578&langId=en
[12] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=326&eventsId=285&furtherEvents=yes
[13] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=326&eventsId=330&furtherEvents=yes

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-FEG hija koperta mill-Valutazzjoni tal-Impatt[14] tal-istrumenti finanzjarji tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, jiġifieri il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-FEG, il-programm PROGRESS, EURES u l-faċilità ta' mikrofinanzjament PROGRESS.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat tliet għażliet għall-FEG:

– ***Alternattiva 1 – L-ebda bidla fil-politika***, jiġifieri l-FEG se jkompli mingħajr baġit tiegħu stess. Wara kull applikazzjoni l-awtorità baġitarja għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk din is-sitwazzjoni partikolari jisthoqqilhiex l-appoġġ. L-iżvantaġġ ewlieni huwa d-dewmien twil ikkawżat mill-proċeduri amministrattivi li jiċċirkondaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-vantaġġi ewlenin huma l-flessibbiltà tal-istrument, b'mod partikolari meta jitqies kemm hi fil-biċċa l-kbira imprevedibbli n-natura tan-nefqa, l-għarfien li dan iqanqal fil-Parlament Ewropew fir-rigward tas-sensji tal-massa, il-viżibbiltà għolja ta' kull applikazzjoni kif ukoll il-viżibbiltà għolja tal-FEG innifsu.

– ***Alternattiva 2 – L-inkorporazzjoni tal-azzjonijiet tal-FEG fil-FSE.*** L-iżvantaġġi ewlenin huma l-ħtieġa għal allokazzjoni ċara tal-baġit matul il-perjodu ta' programmar minkejja n-natura "mhux programmabbli" tas-sensji tal-massa, il-konflitt possibbli mal-kriterji kumplessivi tal-allokazzjoni użati fil-politika ta' koeżjoni, u tnaqqis ta' viżibbiltà politika ta' appoġġ tal-Unjoni billi l-awtorità baġitarja ma tkunx involuta. Il-vantaġġi ewlenin ta' din l-għażla huma ż-żieda fil-koerenza u fil-komplementarjetà mal-FSE, it-tqassir tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u s-simplifikazzjoni u t-twittija tal-applikazzjonijiet tal-FEG billi l-FEG jista' jibbenefika minn strutturi, proċeduri, sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-FSE kif ukoll is-simplifikazzjonijiet tal-FSE f'oqsma bħal l-ispejjeż eliġibbli.

– ***Alternattiva 3 – Il-FEG bħala fond indipendenti bl-allokazzjoni baġitarja tiegħu stess***. L-iżvantaġġi ewlenin huma t-telf ta' flessibbiltà baġitarja billi dan jalloka ammont fiss ta' nfiq għal skema ta' nfiq varjabbli, il-mekkaniżmu eżekuttiv (impatt negattiv fuq il-mekkaniżmu eżekuttiv meta mqabbel mal-alternattiva 2 billi l-FEG mhux se jibbenefika mill-istrutturi, mill-proċeduri u mis-simplifikazzjoni tal-FSE) u finalment ir-riskju ta' sovrappożizzjoni eventwali mal-FSE. Il-vantaġġ ewlieni huwa l-grad għoli ta' viżibbiltà għal solidarjetà Ewropea.

Il-valutazzjoni wriet li f'termini ta' veloċità ta' twassil tal-għajnuna tal-FEG, l-alternattivi 2 u 3 huma preferibbli. Madankollu, dawn l-alternattivi jinkludu riskju akbar ta' effiċjenza mnaqqsa minħabba nuqqas ta' riżorsi allokati. L-involviment ta' dawk li jfasslu l-politika fl-alternattiva 1 jiggarantixxi l-ogħla livell ta' impenn pubbliku tal-Unjoni mal-benessri tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Għalhekk, l-alternattiva 1 hija l-alternattiva ppreferuta, li fil-fatt toffri l-flessibbiltà neċessarja biex tippermetti użu effettiv tar-riżorsi, mingħajr ma taffettwa l-Qafas Finanzjarju Multiannwali. Toffri wkoll il-possibbiltà li tissimplifika aktar il-mekkaniżmu eżekuttiv u b'hekk ittejjeb l-effettività tal-għajnuna pprovduta lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u lill-bdiewa milquta mill-globalizzazzjoni.

[14] SEC(2011)xxx.

Safejn għandha x'taqsam l-istruttura finanzjarja, il-proposta preżenti hija bbażata fuq l-alternattiva 1, jiġifieri strument speċifiku li jopera barra l-MFF. Fir-rigward tal-kontenut speċifiku tad-dispożizzjonijiet, u b'mod partikolari l-adattament tar-regoli tal-FEG li jkopru lill-bdiewa, dan kompla jiġi vvalutat fl-evalwazzjoni *ex-ante* li takkumpanja din il-proposta.

L-evalwazzjoni *ex-ante*[15] qieset tliet alternattivi:

– ***Alternattiva 1 – L-ebda bidla fil-politika***, jiġifieri l-FEG jissokta jopera taħt ir-regoli attwali kif emendati mill-hekk imsejħa "deroga ta' kriżi" u s-sensiela ta' azzjonijiet eliġibbli;

– ***Alternattiva 2 – L-estensjoni tal-popolazzjoni eliġibbli***, jiġifieri l-FEG jissokta jopera taħt ir-regoli attwali tiegħu kif emendati mill-hekk imsejħa "deroga ta' kriżi" u s-sensiela ta' azzjonijiet eliġibbli bħal fl-alternattiva 1, iżda l-kriterji tal-intervenzjoni tagħha huma estiżi biex jinkludu ħaddiema ta' aġenziji temporanji u ħaddiema b'kuntratti b'terminu fiss:

– ***Alternattiva 3 – Estensjoni ulterjuri tal-popolazzjoni eliġibbli u s-sensiela ta' azzjonijiet eliġibbli***, jiġifieri l-FEG jespandi l-alternattiva 2 billi jikludi fil-popolazzjoni eliġibbli s-sidien/ġestjonarji ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-ħaddiema għal rashom (inklużi l-bdiewa) u bl-estensjoni tas-sensiela ta' azzjonijiet eliġibbli biex jikkunsidraw ir-rekwiżiti speċifiċi tas-sidien-ġestjonarji.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-tliet alternattivi msemmija, din il-proposta testendi l-appoġġ għal dik il-parti tal-forza tax-xogħol milquta negattivament mill-globalizzazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, sitwazzjonijiet ta' kriżi għal għarrieda jew ftehimiet kummerċjali, kemm bħala ħaddiem permanenti jew temporanju kif ukoll bħala sid-ġestjonarju jew ħaddiem għal rasu.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-kontinwazzjoni tal-operat tal-FEG fil-perjodu ta' programmar li jmiss f'konformità mal-prinċipji bażiċi stabbiliti għall-MFF 2014 – 2020. Il-FEG għandu jippermetti lill-UE biex turi solidarjetà fil-livell ta' Unjoni u biex tipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'konsegwenza tal-globalizzazzjoni tal-kummerċ, minħabba fi kriżi mhux mistennija jew b'konsegwenza ta' ftehimiet kummerċjali li għandhom impatt fuq is-settur agrikolu.

- **Bażi legali**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikoli 42 u 43.

[15] SEC(2011)yyy.

L-Artikolu 175(3) jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu azzjoni skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, jekk jinħass il-bżonn li jkun hemm azzjonijiet speċifiċi barra l-Fondi Strutturali u l-Politika Agrikola Komuni u bla ħsara għall-miżuri deċiżi fil-qafas tal-politiki l-oħra tal-Unjoni.

Fir-rigward speċifikament tad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament marbuta mal-appoġġ għal bdiewa attivi, l-assistenza tal-FEG tista' tiġi kkunsidrata bħala għajnuna għal attivitajiet agrikoli u bħala azzjoni meħuda fl-eżekuzzjoni ta' objettiv fil-Politika Agrikola tal-Unjoni. Għalhekk, l-Artikoli 42 u 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jikkonstitwixxu l-bażi legali xierqa għall-miżuri mmirati għall-bdiewa.

- **Prinċipju ta' sussidjarità**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-għanijiet ta' turija ta' solidarjetà fil-livell ta' Unjoni f'ċirkostanzi eċċezzjonali għal dik il-parti tal-forza tax-xogħol li tkun ġiet affettwata b'mod negattiv mill-globalizzazzjoni, minn kriżi għal għarrieda jew minn ftehimiet kummerċjali, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom. Dawn jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell ta' Unjoni meta jitqies li l-FEG huwa espressjoni ta' solidarjetà min-naħa għall-oħra tal-Istati Membri u bejniethom. Il-mobilizzazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se teħtieġ l-approvazzjoni taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, biex b'hekk tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni u tal-Istati Membri. B'dan il-mod, il-proposta se tikkontribwixxi biex l-għan ta' solidarjetà tal-Unjoni jsir aktar tanġibbli f'ċirkostanzi eċċezzjonali għal dik il-parti tal-forza tax-xogħol partikolarment milquta u għaċ-ċittadini tal-Unjoni inġenerali.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. L-obbligi imposti fuq l-Istati Membri jirriflettu l-bżonn li tingħata għajnuna lill-ħaddiema affettwati sabiex jadattaw irwieħhom għal ċirkustanzi li qed jinbidlu u biex jintegraw mill-ġdid b'mod imgħaġġel fl-impjieg. Il-piż amministrattiv fuq l-Unjoni u fuq l-awtoritajiet nazzjonali ġie limitat għal dak li huwa meħtieġ mill-Kummissjoni biex teżerċita r-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Peress li l-kontribuzzjoni finanzjarja ssir lill-Istat Membru skont il-prinċipju ta' ġestjoni maqsuma, l-Istat Membru se jinħtieġlu jirrapporta dwar l-użu magħmul mill-kontribuzzjoni finanzjarja.

- **Għażla ta' strument**

L-istrument propost: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa minħabba r-raġuni li ġejja: l-għan li tintwera solidarjetà fil-livell tal-Unjoni jista' jinkiseb biss permezz ta' strument legali direttament applikabbli.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-FEG huwa wieħed mill-istrumenti speċjali mhux inklużi fil-MFF, b'ammont massimu ta' EUR 3 biljuni minn Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, filwaqt li l-ammont ta' appoġġ għas-settur agrikolu ma għandux jaqbeż EUR 2,5 biljuni (prezzijiet tal-2011)

Il-funzjonament tiegħu huwa rregolat minn punt 13 tal-Abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali[16] bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar amministrazzjoni finanzjarja serja.

Ma jistax jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 429 miljun.

## 5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

[16] COM(2011) 403 finali, 21.2.2011.

2011/0269 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014 - 2020)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175, kif ukoll l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[17],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[18],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex titniedi strateġija ġdida, Ewropa 2020. Waħda mit-tliet prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020 hija t-tkabbir inklużiv bl-għoti tal-potenzjal lin-nies permezz ta' livelli għoljin ta' impjiegi, l-investiment fil-ħiliet, il-ġlieda kontra l-faqar u l-immodernizzar tas-swieq tax-xogħol, it-taħriġ u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali sabiex tgħin liċ-ċittadini jantiċipaw u jamministraw il-bidla, u jibnu soċjetà koeżiva.

(2) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[19] għat-tul tal-Qafas Finanzjarju mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li ngħataw is-sensja kawża tal-bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u biex joffri appoġġ għar-riintegrazzjoni rapida tagħhom fl-impjieg. Dan l-għan inizjali tal-FEG jibqa' validu.

(3) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Baġit għall-

---

17 ĠU C , , p. .
18 ĠU C , , p. .
19 ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82.

Ewropa 2020"[20] tagħraf ir-rwol tal-FEG bħala fond flessibbli li jagħti appoġġ lill-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom u jgħinhom isibu impjieg ieħor malajr kemm jista' jkun. L-Unjoni għandha tkompli tipprovdi, għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, għajnuna speċifika ta' darba sabiex tkun iffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk serju ta' tfixkil ekonomiku. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li joffri appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u ċirkostanzi mhux mistennija, il-FEG għandu jibqa' barra mill-Qafas Finanzjarju Multiannwali.

(4) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ġie estiż fl-2009 bir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku biex jinkludi l-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba fil-kriżi ekonomika u finanzjarja. Sabiex il-FEG ikun jista' jintervjeni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi futuri, il-firxa tiegħu għandha tkopri s-sensji li jirriżultaw minn taqlib ekonomiku serju meta kkawżat minn kriżi mhux mistennija komparabbli mal-kriżi finanzjarja u ekonomika li laqtet l-ekonomija mill-2008 'l quddiem.

(5) B'konformità mal-Komunikazzjoni dwar "Baġit għall-Ewropa 2020", il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG għandu jiġi estiz biex jiffaċilita l-adattament tal-bdiewa għall-qagħda ġdida tas-suq li tirriżulta minn ftehimiet kummerċjali internazzjonali fis-settur agrikolu u li twassal għal bidla jew aġġustament sinifikattiv fl-attivitajiet agrikoli tal-bdiewa affettwati, biex jgħinhom isiru strutturalment aktar kompetittivi jew biex jiffaċilita t-tranżizzjoni tagħhom għal attivtajiet li mhumiex agrikoli.

(6) Biex tkun żgurata d-dimensjoni Ewropea tal-FEG, għandha tinbeda applikazzjoni għall-appoġġ tal-FEG meta l-għadd ta' sensji jilħaq livell minimu. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni rimoti, u f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jistgħu jittressqu applikazzjonijiet għal numru inqas ta' sensji. Rigward il-bdiewa, il-kriterji neċessarji għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni skont il-konsegwenzi ta' kull ftehim kummerċjali.

(7) Il-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandu jkollhom aċċess indaqs għall-FEG ikun xi jkun it-tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg. Għalhekk, ħaddiema b'kuntratti ta' terminu fiss u aġenti temporanji li ngħataw is-sensja kif ukoll is-sidien-ġestjonarji ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-ħaddiema għal rashom li jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom u bdiewa li jibdlu jew jaġġustaw l-attivitajiet tagħhom għal sitwazzjoni ta' suq ġdid skont ftehimiet kummerċjali, għandhom jitqiesu bħala ħaddiema li ngħataw is-sensja għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(8) Rigward il-bdiewa, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG għandu jinkludi benefiċjarji affettwati minn ftehimiet bilaterali konklużi mill-Unjoni skont l-Artikolu XXIV tal-GATT jew ftehimiet multilaterali konklużi fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Dan ikopri bdiewa li jibdlu jew jaġġustaw l-attivitajiet agrikoli preċedenti tagħhom fi żmien perjodu li jibda mit-tnedija ta' tali ftehimiet kummerċjali u li jintemm tliet snin wara l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom

---

[20] COM(2011) 500 finali, 21.2.2011.

[21] ĠU L 167, 5.12.2008, p. 27.

(9) L-appoġġ mill-FEG għandu jiffoka fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol diretti lejn miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida fl-impjieg, jew ġewwa jew barra s-settur tal-attività inizjali tagħhom, inkluż is-settur agrikolu. Għalhekk l-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandha tkun ristretta.

(10) Meta jistabbilixxu l-pakkett koordinat tal-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol l-Istati Membri għandhom jiffavorixxu miżuri li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. L-Istati Membri għandhom iħabirku għar-riintegrazzjoni fl-impjig jew f'attivitajiet ġodda ta' mill-inqas 50 % tal-ħaddiema fil-mira fi żmien 12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni.

(11) Biex il-ħaddiema li ngħataw is-sensja jiġu appoġġjati b'mod effettiv u rapidu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom kollha sabiex jippreżentaw applikazzjonijiet kompluti. L-għoti ta' tagħrif supplimentari għandu jkun eċċezzjonali u limitat fiż-żmien.

(12) F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG ma għandhomx jissostitwixxu l-miżuri ta' appoġġ li huma disponibbli għal ħaddiema li ngħataw is-sensja fi ħdan il-Fondi Strutturali tal-Unjoni jew politiki jew programmi oħra tal-Unjoni.

(13) Għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' tagħrif u komunikazzjoni fuq każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom. Barra minn hekk, għal aktar effiċjenza fil-komunikazzjoni mal-pubbliku ġenerali u għal sinerġija aħjar bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni magħmula bis-saħħa tal-inizzjattiva tal-Kummissjoni, ir-riżorsi allokati għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu biex ikopru l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn huma relatati mal-iskopijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

(14) Sabiex ikun żgurat li l-espressjoni ta' solidarjetà tal-Unjoni mal-ħaddiema ma tkunx ostakolata minn nuqqas ta' riżorsi ta' kofinanzjament mill-Istat Membru, ir-rata ta' kofinanzjament għandha tkun modulata, b'kontribuzzjoni ta' 50 % għall-kost tal-pakkett u l-implimentazzjoni tiegħu bħala norma, u l-possibbiltà li din ir-rata togħla għal 65 % fil-każ ta' applikazzjonijiet imressqa minn dawk l-Istati Membri li fit-territorji tagħhom tal-anqas reġjun wieħed f'livell NUTS II huwa eliġibbli skont l-objettiv ta' "Konverġenza" tal-Fondi Strutturali.

(15) Sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, in-nefqa għandha tkun eliġibbli jew mid-data li fiha Stat Membru iġarrab nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEG jew mid-data li fiha Stat Membru jibda jipprovdi servizzi personalizzati jew, fil-każ ta' bdiewa, mid-data stipulata fl-Att tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(3).

(16) Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu matul l-aħħar xhur tas-sena, huwa neċessarju li jkun żgurat li tal-anqas kwart tal-ammont massimu annwali tal-FEG jibqa' disponibbli fl-1 ta' Settembru. Kontribuzzjonijiet finanzjarji magħmula waqt il-kumplament tas-sena għandhom jiġu allokati fid-dawl tal-limitu ġenerali stabbilit għall-appoġġ lill-bdiewa fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali.

(17) Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' […………] dwar il-koperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-amministrazzjoni finanzjarja soda[22] ("il-Ftehim Interistituzzjonali") jiddetermina l-qafas baġitarju tal-FEG.

(18) Fl-interess tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-FEG għandhom jagħmlu ħilithom biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri.

(19) Sabiex jippermettu monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tar-riżultati miksuba bl-għajnuna tal-FEG, l-Istati Membri għandhom iressqu rapporti interim u finali dwar l-implimentazzjoni tal-FEG.

(20) L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja u għall-ġestjoni u l-kontroll tal-azzjonijiet appoġġjati mill-finanzjament tal-Unjoni, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ("ir-Regolament Finanzjarju")[23]. L-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw l-użu li jkun sar mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jkunu rċevew mill-FEG.

(21) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar f'livell ta' Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
**Għanijiet**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

L-għan tal-FEG għandu jkun biex jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Unjoni billi jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà lejn ħaddiema li ħadu s-sensja kawża ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, ftehimiet kummerċjali li jaffettwaw l-agrikoltura, jew kriżi mhux mistennija, u sabiex joffri appoġġ għar-riintegrazzjoni rapida tagħhom fl-impjieg, jew biex ibiddlu jew jaġġustaw l-attivitajiet agrikoli tagħhom.

Azzjonijiet li jgawdu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond skont l-Artikolu 2(a) u (b) għandu jkollhom l-iskop li jiżguraw li minimu ta' 50 % tal-ħaddiema li qed jipparteċipaw f'dawn l-azzjonijiet isibu impjieg sod fi żmien sena mid-data tal-applikazzjoni.

22 COM(2011) 403 finali, 21.2.2011.
23 ĠU L

*Artikolu 2*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għal applikazzjonijiet mill-Istati Membri għal kontribuzzjonijiet finanzjarji biex jingħataw lil:

(a) ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni, li jidher b'mod partikolari minn żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, mit-tnaqqis rapidu tas-sehem mis-suq tal-Unjoni f'settur partikolari jew minn delokalizzazzjoni ta' attivitajiet lejn pajjiżi terzi, fejn dawn is-sensji kellhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali;

(b) ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba tfixkil serju fl-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali kkawżat minn kriżi mhux mistennija, sakemm tista' tiġi stabbilita rabta diretta u li tista' tintwera bejn is-sensji u dik il-kriżi;

(c) ħaddiema li bidlu jew aġġustaw l-attivitajiet agrikoli preċedenti matul perjodu li jibda mit-tnedija tal-ftehim kummerċjali mill-Unjoni li fih miżuri ta' liberalizzazzjoni kummerċjali għas-settur agrikolu rilevanti u li jintemm tliet snin wara l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri u sakemm dawn il-miżuri kummerċjali jwasslu għal żieda sostanzjali f'importazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodott jew prodotti agrikolu/i akkumpanjat minn tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet ta' tali prodotti f'livell ta' Unjoni, u fejn rilevanti, livell nazzjonali jew reġjonali.

*Artikolu 3*

**Definizzjoni**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(d) "ħaddiem" ifisser ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg indefiniti li l-kuntratt jew ir-relazzjoni tal-impjieg tagħhom hija skont l-Artikolu 4; jew

(e) "ħaddiem" ifisser ħaddiema b'terminu fiss kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE[24], li l-kuntratt jew ir-relazzjoni tal-impjieg tagħhom hija skont l-Artikolu 4(1)(a) jew (b), u jintemm u ma jiġġeddidx fil-perjodu stipulat f'dak il-punt tal-Artikolu 4; jew

(f) "ħaddiem" ifisser aġent temporanju kif definit mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25], li l-intrapriża utenti tiegħu hija skont l-Artikolu 4(1)(a) jew (b), u li l-kuntratt fl-intrapriża l-utenti tiegħu jintemm u ma jiġġeddidx fil-perjodu stipulat f'dak il-punt tal-Artikolu 4; jew

(g) "ħaddiem" ifisser sid-ġestjonarju ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-ħaddiema għal rashom (inklużi l-bdiewa) u l-membri kollha tal-familja attivi fin-negozju, sakemm, jekk bdiewa, kienu diġà qed jipproduċu l-output affettwat mill-

---

[24] ĠU L 175, 5.12.2008, p. 43.

[25] ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9.

ftehim kummerċjali rilevanti qabel mal-miżuri relatati mas-settur partikolari ġew implimentati.

*Artikolu 4*
**Il-kriterji ta' intervent**

1. Għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fejn hemm kwalunkwe kundizzjoni stipulata fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2 u li tirriżulta fi:

(a) mill-inqas 500 ħaddiem li ngħataw is-sensja matul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba nuqqas ta' xogħol fil-fornituri tagħha jew fil-produtturi aktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni;

(b) mill-inqas 500 ħaddiem li ngħataw is-sensja matul perjodu ta' disa' xhur, partikolarment f'intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju, li joperaw f'settur ekonomiku wieħed definit fuq livell tad-diviżjoni NACE Rev 2 u lokalizzat f'reġjun wieħed jew żewġ reġjuni kontigwi definiti fil-livell NUTS II, jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi definiti fil-livell NUTS II sakemm aktar minn 500 ħaddiem jitilfu l-impjieg f'żewġ reġjuni kombinati.

2. Fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru li japplika, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu mill-FEG tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli wkoll jekk il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 ma jiġux sodisfatti kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjieg u l-ekonomija lokali. L-Istat Membru għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma jkunx sodisfatti kompletament.

3. Rigward il-bdiewa, meta, wara li jkun tnieda ftehim kummerċjali u abbażi tat-tagħrif, id-dejta u l-analiżi disponibbli għalih, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet għall-appoġġ skont l-Artikolu 2(c) huma probabbilment sodisfatti għal numru sinifikanti ta' bdiewa, hija għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 fejn tagħżel setturi jew prodotti fejn tiddefinixxi ż-żoni ġeografiċi affettwati, fejn huwa xieraq, tistipula ammont massimu għall-appoġġ potenzjali fuq livell tal-Unjoni, tistipula perjodi ta' referenza u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal bdiewa u dati ta' eliġibbiltà għan-nefqa kif ukoll tistabbilixxi data tal-għeluq għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, il-kontenut ta' dawn l-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8(2).

4. Fejn sidien-ġestjonarji ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta'daqs medju u ħaddiema impjegati għal rashom jibdlu jew, fil-każ ta' bdiewa, jaġġustaw l-attivitajiet tagħhom, tali sitwazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala sensji għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*
**Il-kalkolu tas-sensji**

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-għadd ta' sensji previsti fl-Artikolu 4(1), sensja għandha titqies bħala tali:

(a) għall-ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg ta' tul indefinit jew għal ħaddiema b'terminu fiss li jintemm qabel l-iskadenza tiegħu:

(1) mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur ta' waqfien mix-xogħol jew ta' tmiem tal-kuntratt tax-xogħol tal-ħaddiem; jew

(2) mid-data ta' meta jintemm *de facto* l-kuntratt tax-xogħol qabel l-għeluq taż-żmien tiegħu; jew

(3) mid-data meta min iħaddem, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE[26], jgħarraf bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi pproġettati; f'dan il-każ l-Istat Membru applikant għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'tagħrif addizzjonali dwar in-numru reali ta' sensji milquta skont l-Artikolu 4(1), qabel ma titlesta l-valutazzjoni mill-Kummissjoni.

(b) għall-ħaddiema b'perjodu fiss u għall-aġenti temporanji, jew:

(1) mid-data ta' meta jintemm *de facto* l-kuntratt tax-xogħol, jew

(2) minn tmiem id-delega mal-impriża utenti, jew

(3) mid-data li fiha dawn jiġu qiegħda.

(c) Għal sidien-ġestjonarji ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u għall-ħaddiema għal rashom (inklużi l-bdiewa), is-sensja għandha tingħadd jew mid-data ta' waqfien tal-attivitajiet ikkawżati minn kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, u determinati skont il-liġi nazzjonali jew dispożizzjonijiet amministrattivi, jew mid-data speċifikata mill-Kummissjoni fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4(3).

Għal kull intrapriża jew ħaddiem għal rasu kopert b'applikazzjoni l-Istat Membru għandu jispeċifika l-mod kif is-sensji qed jingħaddu.

*Artikolu 6*
**Ħaddiema eliġibbli**

L-Istat Membru applikant jista' jipprovdi servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FEG lill-ħaddiema affettwati, li jistgħu jinkludu:

(a) il-ħaddiema kollha li ħadu s-sensja skont l-Artikolu 5, matul il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(1), (2) jew (3),

(b) ħaddiema ngħataw is-sensja qabel jew wara l-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(1)(a) jew (2), f'każijiet fejn applikazzjoni skont l-Artikolu 4(2) tidderoga mill-kriterji stipulati fl-Artikolu 4(1)(a),

(c) bdiewa li bidlu jew aġġustaw l-attivitajiet agrikoli tagħhom wara t-tnedija mill-Unjoni tal-ftehim kummerċjali msemmi fl-att delegat meħud skont l-Artikolu 4(3).

[26] ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16.

Il-ħaddiema msemmija fil-punt (b) huma kkunsidrati eliġibbli, sakemm ikunu ħadu s-sensja wara l-aħbar ġenerali tas-sensji pproġettati u wara li tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensja matul il-perjodu ta' referenza.

*Artikolu 7*

**Azzjonijiet eliġibbli**

5. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati mfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-ħaddiema fil-mira li ngħataw is-sensja fl-impjieg jew f'impjieg indipendenti jew, fil-każ ta' bdiewa, biex ibiddlu jew jaġġustaw l-attivitajiet preċedenti tagħhom. Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati jista' partikolarment jinkludi:

(a) għajnuna għat-tfittix ta' impjieg, gwida dwar ix-xogħol, servizzi konsultattivi, konsulenza, għajnuna għar-rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, għajnuna għal impjieg indipendenti u għall-ftuħ ta' negozji jew għal tibdil jew aġġustament tal-attività (inklużi investimenti f'assi fiżiċi), attivitajiet ta' kooperazzjoni, taħriġ imfassal apposta u taħriġ mill-ġdid, inkluż ħiliet tat-teknoloġija tat-tagħrif u l-komunikazzjoni u ċertifikazzjoni tal-esperjenza miksuba;

(b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, inċentivi għar-reklutaġġ ta' min iħaddem, allowances għall-mobbiltà, sussidji jew allowances għat-taħriġ (inklużi allowances għal carers jew servizzi ta' għajnuna azjendali), li kollha huma limitati sakemm idum dokumentat tiftix attiv għax-xogħol jew attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja jew ta' taħriġ;

(c) miżuri li jistimulaw, b'mod partikulari lill-ħaddiema żvantaġġati jew imdaħħla fiż-żmien biex jibqgħu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol.

L-ispejjeż tal-miżuri taħt (b) ma għandhomx jaqbżu l-50 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu.

L-ispiża tal-investimenti f'assi fiżiċi għal xogħol awtonomu u l-bidu ta' negozju jew il-bdil jew l-aġġustament tal-attività ma tistax taqbeż EUR 35 000.

6. Dawn il-miżuri ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribut finanzjarju mill-FEG:

(a) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien kif elenkati fil-paragrafu 1 (b) li mhumiex marbuta mas-sehem attiv tal-ħaddiema fil-mira f'attivitajiet ta' tfittxija tax-xogħol jew ta' taħriġ;

(b) azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' intrapriżi bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

7. Fuq inizjattiva tal-Istat Membru applikanti, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, tagħrif u pubbliċità, kontroll u rappurtaġġ.

*Artikolu 8*
**Applikazzjonijiet**

1. L-Istat Membru għandu jressaq applikazzjoni kompluta lill-Kummissjoni fi żmien 12-il ġimgħa mid-data meta jiġu sodisfatti l-kriterji stipulati fl-Artikolu 4(1) jew (2) jew, fejn applikabbli, qabel id-data tal-għeluq stipulata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(3). F'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati l-applikazzjoni tista' tiġi ssuplimentata b'tagħrif addizzjonali mill-Istat Membru applikanti fi żmien sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni abbażi tat-tagħrif disponibbli. Il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni fi żmien tnax-il ġimgħa mid-data tal-ilqugħ tal-applikazzjoni kompluta jew (fil-każ ta' applikazzjoni mhix kompluta) sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni inizjali, liema minnhom tiġi l-ewwel.

2. L-applikazzjoni għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

(a) analiżi rraġunata tar-rabta bejn is-sensji u t-tibdil strutturali prinċipali fix-xejriet tal-kummerċ dinji, jew it-taqlib serju fl-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali ikkawżat minn kriżi għal għarrieda u mhux mistennija, jew il-qagħda l-ġdida tas-suq fis-settur agrikolu fl-Istat Membru u li tirriżulta mill-effetti tal-ftehim kummerċjali inizjalat mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu XXIV tal-GATT jew minn ftehim multilaterali inizjalat fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, skont l-Artikolu 2(c). Din l-analiżi għandha tkun imsejsa fuq statistika u tagħrif ieħor fil-livell l-aktar xieraq biex turi jekk il-kriterji ta' intervent stipulati fl-Artikolu 4 intlaħqux jew le;

(b) valutazzjoni tal-għadd ta' sensji skont l-Artikolu 5, u spjegazzjoni tal-avvenimenti li wasslu għal dawk is-sensji;

(c) l-identifikazzjoni, fejn huwa applikabbli, tal-intrapriżi li keċċew lill-impjegati, il-fornituri jew il-produtturi aktar 'l isfel fil-katina tal-produzzjoni, is-setturi, u l-kategoriji ta' ħaddiema fil-mira;

(d) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali;

(e) il-baġit stmat għal kull komponent tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati b'appoġġ għall-ħaddiema fil-mira;

(f) id-dati li fihom inbdew jew huwa ppjanat li jinbdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema milquta u l-attivitajiet biex ikun implimentat il-FEG, kif stipulat fl-Artikolu 7(1) u 3 rispettivament;

(g) il-proċeduri li ttieħdu għall-konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali jew organizzazzjonijiet rilevanti kif applikabbli;

(h) stqarrija ta' konformità tal-appoġġ mitlub mill-FEG bir-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat kif ukoll stqarrija li s-servizzi personalizzati ma jieħdux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;

(i) is-sorsi ta' kofinanzjament nazzjonali;

(j) jekk applikabbli, kwalunkwe rekwiżiti oħra li jistgħu jkunu stabbiliti fl-att delegat meħud skont l-Artikolu 4(3).

3. Abbażi tat-tagħrif stipulat fil-paragrafu 2 u kwalunkwe tagħrif addizzjonali ppreżentat mill-Istat Membru applikanti fi żmien il-perjodu previst fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, jekk il-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja humiex sodisfatti.

*Artikolu 9*
**Il-komplementarjetà, il-konformità u l-koordinazzjoni**

1. L-għajnuna għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tikkomplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun limitata għal dak li huwa neċessarju biex tipprovdi solidarjetà u appoġġ għal ħaddiema individwali li ngħataw is-sensja. L-attivitajiet appoġġati mill-FEG għandhom ikunu konformi mal-liġi nazzjonali u tal-Ewropa, inklużi r-regoli dwar għajnuna mill-Istat.

3. Skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istat Membru applikanti għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-għajnuna mill-Fondi tal-Unjoni.

4. L-Istat Membru applikanti għandu jiżgura li l-azzjonijiet speċifiċi li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhomx jirċievu wkoll għajnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 10*
**Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u non-diskriminazzjoni**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi tiġi promossa matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu passi xierqa sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni msejsa fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u t-tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg fl-aċċess għal u matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-appoġġ.

*Artikolu 11*
**Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, suġġett għal limitu massimu ta' 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG, il-FEG jista' jintuża biex jiffinanzja l-preparazzjoni, il-monitoraġġ, il-ġbir tat-tagħrif u l-kreazzjoni ta' bażi ta' konoxxenza rilevanti għall-implimentazzjoni tal-FEG. Huwa jista' jintuża wkoll sabiex jiffinanzja l-appoġġ amministrattiv u tekniku, attivitajiet ta' tagħrif u komunikazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet ta' verifika, kontroll u evalwazzjoni li huma meħtieġa biex ikun implimentat dan ir-Regolament.

2. Suġġett għar-rata massima stabbilita fil-paragrafu 1, l-awtorità tal-baġit se tipprovdi ammont għall-għajnuna teknika fil-bidu ta' kull sena abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

3. Il-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom isiru skont ir-Regolament Finanzjarju, kif ukoll ir-regoli ta' implimentazzjoni applikabbli għal din il-forma ta' implimentazzjoni tal-baġit.

4. L-għajnuna teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-provvista ta' tagħrif u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi wkoll tagħrif dwar l-użu tal-FEG lill-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali.

*Artikolu 12*

**Tagħrif, komunikazzjoni u pubbliċità**

1. L-Istat Membru għandu jipprovdi tagħrif dwar l-azzjonijiet iffinanzjati u għandu jagħmilhom pubbliċi. It-tagħrif għandu jkun indirizzat lill-ħaddiema fil-mira, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lill-imsieħba soċjali, lill-midja u lill-pubbliku ġenerali. Għandu jenfasizza r-rwol tal-Unjoni u għandu jiżgura li l-kontribuzzjoni mill-FEG tkun viżibbli.

2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha twaqqaf sit tal-Internet, li jkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-Unjoni, li għandu jipprovdi tagħrif dwar il-FEG, gwida dwar it-tressiq tal-applikazzjonijiet, kif ukoll tagħrif dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda, filwaqt li jenfasizza r-rwol tal-awtorità baġitarja.

3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet ta' tagħrif u komunikazzjoni dwar każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom.

4. Ir-riżorsi allokati għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll sabiex tiġi koperta l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn huma relatati mal-iskopijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 13*

**Id-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 8(3), b'mod partikolari wara li tikkunsidra l-għadd ta' ħaddiema fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-istima tal-ispejjeż, tevalwa u tipproponi mill-aktar fis l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja, jekk teżisti, li jista' jsir fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli. L-ammont ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż totali stmati msemmija fl-Artikolu 8(2) jew il-65 % ta' dawn l-ispejjeż f'każ ta' applikazzjonijiet imressqa minn Stat Membru li fit-territorju tiegħu għandu tal-anqas reġjun wieħed f'livell NUTS II li huwa eliġibbli skont l-objettiv ta' "Konverġenza" tal-Fondi Strutturali. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk il-kofinanzjament ta' 65 % huwiex ġustifikat.

2. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 8(3), il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li ntlaħqu l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15.

3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni li tkun saret skont l-Artikolu 8(3), il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja ma ntlaħqux, għandha tinnotifika minnufih lill-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 14*

**L-eliġibbiltà tan-nefqa**

In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mid-dati stabbiliti fl-Artikolu 8(2)(h) li fihom l-Istat Membru jibda s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema fil-mira jew in-nefqa amministrattiva sabiex ikun implimentat il-FEG f'konformità mal-Artikolu 7(1) u (3) rispettivament. Fil-każ tal-bdiewa, in-nefqa għandha tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mid-data stipulata fl-att delegat meħud skont l-Artikolu 4(3).

*Artikolu 15*

**Il-proċedura baġitarja**

1. L-arranġamenti għall-FEG għandhom ikunu konformi mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

2. L-approprjazzjonijiet li jikkonċernaw il-FEG għandhom ikunu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea bħala provvediment.

3. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-immobilizzar tal-FEG intlaħqu, hija għandha tissottometti proposta sabiex tagħmel użu minnu. Id-Deċiżjoni sabiex jintuża l-FEG għandha tittieħed flimkien miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata u l-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu u tlieta minn kull ħamsa tal-voti mitfugħa.

   Fl-istess ħin li tippreżenta l-proposta għal Deċiżjoni biex tagħmel użu mill-FEG, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim għandha tinbeda proċedura trialoga.

   Trasferimenti relatati mal-FEG għandhom isiru skont ir-Regolament Finanzjarju.

4. Flimkien mal-proposta għal Deċiżjoni biex jintuża l-FEG il-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-awtorità baġitarja taddotta d-Deċiżjoni biex jitħaddem il-FEG.

5. Proposta skont il-paragrafu 3 għandha tinkludi dan li ġej:

   (a) il-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 8 (3), flimkien ma' sommarju tat-tagħrif li fuqu hija bbażata dik il-valutazzjoni;

(b) evidenza li ntlaħqu l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 4 u 9; kif ukoll

(c) ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammonti proposti.

6. Fl-1 ta' Settembru ta' kull sena, mill-inqas kwart tal-ammont annwali massimu tal-FEG għandu jibqa' disponibbli sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu sakemm tintemm is-sena.

*Artikolu 16*

**Il-pagament u l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 15(4) il-Kummissjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru f'forma ta' prefinanzjament ta' mhux anqas minn 50 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni lill-Istat Membru, fil-prinċipju fi żmien 15-il ġurnata, segwit meta meħtieġ f'forma ta' pagamenti intermedjarji u finali. Il-prefinanzjament għandu jkun ikklerjat meta titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 18(3).

2. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiġi implimentata fil-qafas ta' ġestjoni maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skont ir-Regolament Finanzjarju.

3. It-termini ta' finanzjament dettaljati, b'mod partikolari ir-rata ta' prefinanzjament u l-mod tal-pagamenti intermedjarji u finali għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 15(4).

Pagamenti intermedjarji għandhom isiru sabiex jirrimborsaw in-nefqa li jkunu sofrew l-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-azzjonijiet eliġibbli, soġġetti għat-tressiq ta' dikjarazzjoni tan-nefqa quddiem il-Kummissjoni ffirmata minn rappreżentant ta' korp pubbliku akkreditat skont l-Artikolu 21.

4. L-Istat Membru għandu jwettaq l-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 6 mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tal-applikazzjoni, skont l-Artikolu 8 (1).

5. Meta jwettaq l-azzjonijiet li jinsabu fil-pakkett ta' servizzi personalizzati l-Istat Membru jista' jressaq proposta quddiem il-Kummissjoni sabiex jemenda l-azzjonijiet inklużi biż-żieda ta' azzjonijiet eliġibbli oħrajn elenkati fl-Artikolu 7(1)(a) u (c), sakemm dawk l-emendi huma ġustifikati kif mistħoqq u ma jaqbżux il-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa r-reviżjonijiet proposti u, jekk taqbel magħhom, għandha tgħarraf b'dan lill-Istat Membru.

6. In-nefqa skont l-Artikolu 7(3) għandha tkun eliġibbli sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tar-rapport.

*Artikolu 17*
**L-użu tal-Euro**

L-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u r-rapporti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament, kif ukoll kwalunkwe dokument relatat ieħor, għandhom jesprimu l-ammonti kollha f'Euro.

*Artikolu 18*
**Rapport interim u finali u għeluq**

1. Mhux aktar tard minn 15-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 8(1) jew mid-data stipulata fl-att delegat meħud skont l-Artikolu 4(3), l-Istat Membru għandu jippreżenta rapport interim lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, inkluż il-finanzjament, iż-żmien u t-tip ta' azzjonijiet diġà meħuda u dwar ir-rata ta' riintegrazzjoni lura fl-impjieg jew l-attivitajiet ġodda miksuba 12-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni.

   Barra minn hekk, ir-rapport interim għandu jinkludi tagħrif dwar:

   (a) deskrizzjoni tal-pakkett koordinat tas-servizzi personalizzati u n-nefqa relatata, inkluż kif din tikkomplimenta l-azzjonijiet iffinanzjati minn Fondi oħrajn nazzjonali jew tal-Unjoni kif ukoll tagħrif dwar azzjonijiet li huma mandatorji għall-intrapriżi kkonċernati bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi;

   (b) deskrizzjonji tal-azzjonijiet meħuda u ppjanati mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, Fondi tal-Unjoni, imsieħba soċjali u intrapriżi, inkluża stima ta' kif dawn jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni tal-ħaddiema lura fl-impjieg jew f'attivitajiet ġodda.

2. Mhux aktar minn sitt xhur wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 16(4), l-Istat Membru għandu jippreżenta rapport finali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, inkluż tagħrif dwar it-tip ta’ azzjonijiet u r-riżultati ewlenin, il-karatteristiċi tal-ħaddiema fil-mira u l-istatus tal-impjieg tagħhom, flimkien ma’ dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa u li tindika fejn ikun possibbli l-komplimentarjetà tal-azzjonijiet ma’ dawk iffinanzjati mill-FSE.

3. Mhux aktar minn sitt xhur wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet it-tagħrif meħtieġ kollu skont il-paragrafu 2, hija għandha tagħlaq il-kontribuzzjoni finanzjarja billi tiddeċiedi l-ammont finali tal-kontribuzzjoni finanzjarja u, jekk ikun hemm, il-bilanċ li għandu jitħallas mill-Istat Membru skont l-Artikolu 22.

*Artikolu 19*
**Rapport biennali**

1. Sal-1 ta’ Awwissu ta’ kull sentejn, u għall-ewwel darba fl-2015, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet skont dan ir-Regolament u r-Regolament 1927/2015 matul is-sentejn ta’qabel. Ir-rapport għandu jiffoka prinċipalment fuq ir-riżultati milħuqa mill-FEG u għandu jinkludi b'mod partikolari tagħrif li għandu x'jaqsam

mal-applikazzjonijiet imressqa, mad-deċiżjonijiet adottati, mal-azzjonijiet iffinanzjati inkluża l-komplimentarjetà tagħhom mal-azzjonijiet iffinanzjati minn Fondi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mal-għeluq tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li saru. Għandu jiddokumenta wkoll dawk it-talbiet li jkunu ġew miċħuda jew imnaqqsa minħabba nuqqas ta' biżżejjed approprjazzjonijiet jew minħabba nuqqas ta' eliġibbiltà.

2. Ir-rapport se jiġi trasmess għat-tagħrif lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-imsieħba soċjali.

*Artikolu 20*

**Evalwazzjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq:

(a) evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-effikaċja u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba sat-30 ta' Ġunju 2018;

(b) evalwazzjoni *ex-post*, sal-31 ta' Diċembru 2022 bl-għajnuna ta' esperti esterni, sabiex jiġi mkejjel l-impatt tal-FEG u l-valur miżjud tiegħu.

2. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni se jkunu trasmessi, għat-tagħrif, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-imsieħba soċjali.

*Artikolu 21*

**Il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju**

1. Bla ħsara għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jassumu r-responsabbiltà mill-bidunett għall-immaniġġjar tal-azzjonijiet appoġġjati mill-FEG u l-kontroll finanzjarju tal-azzjonijiet. Għal dan l-għan, il-miżuri li huma jieħdu għandhom jinkludu:

(a) li jivverifikaw li l-arranġamenti ta' mmaniġġjar u kontroll ġew stabbiliti u qed ikunu implimentati b'tali mod li jassiguraw li l-fondi tal-Unjoni qed ikunu użati b'mod effiċjenti u korrett, b'konformità mal-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju sod;

(b) li jivverifikaw li l-azzjonijiet iffinanzjati twettqu kif suppost;

(c) li jassiguraw li l-infiq iffinanzjat huwa bbażat fuq dokumenti ta' ġustifikazzjoni verifikabbli, u huwa korrett u regolari;

(d) li jipprevjenu, jsibu u jikkoreġu irregolaritajiet kif definit fir-[Regoalment (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... dwar l-istipular ta' dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE)

Nru 1083/2006] dwar il-Fondi Strutturali u fejn huwa xieraq jirkupra ammonti li tħallsu inġustament flimkien mal-interessi fuq pagamenti tard. Huma għandhom jinnotifikaw irregolaritajiet bħal dawn lill-Kummissjoni, u jżommu lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-proċedimenti amministrattivi u legali.

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi responsabbli għal ġestjoni tajba u għall-kontroll tal-azzjonijiet appoġġati mill-FEG skont l-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju u mal-kriterji u l-proċeduri stipulati fir-Regolament Ġenerali tal-Fondi Strutturali. Sal-1 ta' Frar tas-sena finanzjarja ta' wara, dawn il-korpi akkreditati għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 56(5) tar-Regolament Finanzjarju.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa fejn tkun aċċertata irregolarità. Il-korrezzjonijiet magħmula mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fit-tħassir ta' parti jew tal-kontribuzzjoni kollha. Fejn jirriżulta li kien hemm irregolarità l-Istat Membru għandu jirkupra kull ammont mitluf, iħallsu lura lill-Kummissjoni u, meta l-ammont ma jitħallasx f'waqtu fil-limitu ta' żmien mogħti mill-Istat Membru involut, għandu jitħallas l-imgħax.

4. Il-Kummissjoni, fir-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha tieħu l-passi kollha neċessarji biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u effiċjenti. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li japplika biex jiżgura li għandu sistemi ta' maniġment u ta' kontroll li qed jaħdmu tajjeb; il-Kummissjoni għandha tivverifika hija stess li dawn is-sistemi qegħdin jitħaddmu.

Għal dan l-iskop, bla ħsara għall-poteri tal-Qorti tal-Awdituri jew għall-verifiki mwettqa mill-Istat Membru skont il-liġijiet nazzjonali, r-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, uffiċjali jew impjegati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fil-post, inklużi verifiki rappreżentattivi, dwar l-azzjonijiet iffinanzjati mill-FEG wara avviż li jintbagħat fiż-żmien minimu ta' jum ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru applikanti bl-iskop li takkwista l-għajnuna neċessarja meħtieġa. Uffiċjali jew impjegati tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu parti f'dawn il-verifiki.

5. L-Istat Membru għandu jassigura li d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni li jirrigwardaw in-nefqa magħmula jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għal perjodu ta' tliet snin wara l-konklużjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja li tkun waslet mill-FEG.

*Artikolu 22*

**Ir-rimborż tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. F'każijiet fejn l-ammont tal-ispiża ta' azzjoni effettiva jkun inqas mill-ammont ikkalkulat li kien ikkwotat skont l-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni permezz tal-att ta' implimentazzjoni, fejn titlob lill-Istat Membru jħallas lura l-ammont li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni finanzjarja li jkun ħa.

2. Fejn Stat Membru jonqos milli jikkonforma mal-obbligi ddikjarati fid-Deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa billi tadotta Deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, sabiex iġġiegħel lill-Istat Membru jħallas lura l-kontribuzzjoni finanzjarja kollha li jkun ħa jew parti minnha.

3. Qabel ma tiġi adottata Deċiżjoni skont il-paragrafi 1 jew 2, il-Kummissjoni għandha twettaq eżami xieraq tal-każ u, b'mod partikolari, għandha tagħti lill-Istat Membru perjodu speċifiku ta' żmien li matulu jista' jressaq il-kummenti tiegħu.

4. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki neċessarji, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru mhuwiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 21 (1), jekk l-ebda ftehim ma jkun milħuq u jekk l-Istat Membru jkun għadu ma wettaqx il-korrezzjonijiet f'perjodu stabbilit mill-Kummissjoni, u wara li jiġi kkunsidrat kwalunkwe kumment magħmul mill-Istat Membru, hi għandha tiddeċiedi fi tliet xhur mill-aħħar tal-perjodu msemmi hawn fuq biex tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa billi tikkanċella l-kontribuzzjoni tal-FEG kollha jew parti minnha għall-azzjonijiet inkwistjoni. Kull ammont mitluf li jirriżulta minn irregolarità misjuba għandu jkun irkuprat u, fejn l-ammont mhux imħallas lura fiż-żmien mogħti mill-Istat Membru applikant, għandu jitħallas l-imgħax .

*Artikolu 23*

**Ġestjoni finanzjarja u appoġġ lill-bdiewa**

B'deroga mill-Artikoli 21 u 22, l-appoġġ għall-bdiewa għandu jkun ġestit u kkontrollat skont ir-Regolament (KE) Nru ............... dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' politika agrikola komuni.

*Artikolu 24*

**Eżerċizzju tad-delegazzjoni**

1. Is-setgħat sabiex ikunu adottati atti ddelegati huma kkonferiti lill-Kummissjoni bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delegazzjonijiet ta' setgħa msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jingħataw għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delegazzjonijiet tal-poter imsemmija fl-Artikolu 4 jistgħu jiġu revokati fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 4(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament

Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li huma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

*Artikolu 25*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 huwa mħassar b'seħħ mis- 1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għal applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 26*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet kollha mressqa bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

### 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/politiċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-għan(ijiet)

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Id-dewmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu(i) tal-ġestjoni previst(i)

### 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri li jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

*3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

## 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta'Aġġustament għall-Globalizzazzjoni 2014 – 2020 |

### *1.2. Il-qasam/l-oqsma politiku/politiċi kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB*[27]

| |
|---|
| L-Attività ABB: Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni kif inkluż fil-Pjan tal-Immaniġġjar tad-DĠ EMPL 2010 |

### *1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva*

☐ Il-proposta/inizjattiva hi marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett bi prova/azzjoni preparatorja**[28]

**X** Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' azzjoni **diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### *1.4. Għanijiet*

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-proposta taqa' taħt "Komunikazzjoni dwar baġit għal Ewropa 2020" li fiha l-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014 – 2020. |

*1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/i*

| |
|---|
| Għan speċifiku Nru 1: Li tinżamm il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-bidliet fil-mudelli tal-kummerċ dinji u tal-kriżijiet mhux mistennija.<br><br>Għan speċifiku Nru 2: Inklużi ħaddiema għal terminu fiss u l-aġenti temporanji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG.<br><br>Għan speċifiku Nru 3: Inklużi sidien-ġestjonarji ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u ħaddiema f'impjieg indipendenti (inklużi bdiewa).<br><br>Attività/attivitajiet tal-ABM/ABB kkonċernati: Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) |

---

27 ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġġitjar Ibbażat fuq l-Attività.
28 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-proposta se tippermetti lill-Unjoni Ewropea tkompli tagħti s-sostenn tagħha permezz tal-FEG b'rata ta' kofinanzjament ta' 50 % għal miżuri attivi għal suq tax-xogħol għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba fil-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ u l-kriżijiet mhux mistennija. Din ir-rata tista' tiżdied għal 65 % fil-każ ta' Stati Membri li fit-territorju tagħhom għandhom tal-anqas reġjun wieħed f'livell ta' NUTS II eliġibbli skont l-objettiv ta' "Konverġenza" tal-Fondi Strutturali. Il-popolazzjoni eliġibbli hija mwessa’ biex tinkludi ħaddiema għal terminu fiss, aġenti temporanji u sidien-ġestjonarji ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju u ħaddiema f'impjieg indipendenti (inklużi bdiewa).

*1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

- L-għadd ta' applikazzjonijiet imressqa għall-għajnuna mill-FEG

- L-għadd ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-mira tal-għajnuna mill-FEG

- L-għadd ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja riintegrati fl-impjieg wara miżuri sostnuti mill-FEG

**1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li għandu jiġi ssodisfat/li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil ta' żmien*

Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jrid jiġi rivedut sal-aħħar tal-2013. Ir-reviżjoni, li hija mwettqa permezz tar-Regolament propost, tippermetti lill-Fond ikompli għall-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014 – 2020, iwessa’ l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi l-popolazzjonijiet addizzjonali eliġibbli, u jemenda wħud mid-dettalji tekniċi sabiex jittejjeb il-funzjonament tiegħu.

*1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni*

L-involviment tal-Unjoni permezz tal-FEG jagħmilha possibbli li jiġu kkumplimentati l-mezzi nazzjonali disponibbli għar-riintegrazzjoni ta' ħaddiema mogħtija s-sensja kawża tal-globalizzazzjoni tal-kummerċ jew ta' kriżijiet mhux mistennija. L-esperjenza miksuba sa issa mill-FEG tindika li l-involviment tal-Unjoni jagħmilha possibbli li tkun ipprovduta għajnuna aktar speċifika, għal perjodu ta' żmien itwal, li ħafna drabi jkunu jinvolvu miżuri li ma kinux jistgħu jiġu pprovduti mingħajr l-involviment tal-FEG.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ara l-esperjenza miksuba taħt ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 kif stipulat fil-Memorandum ta' spjegazzjoni.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

| |
|---|
| Il-FEG huwa koerenti u joffri sinerġija mal-Fond Soċjali Ewropew. |

## 1.6. Id-dewmien u l-impatt finanzjarju

– X Proposta/inizjattiva ta' perjodu limitat

– X Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020

– ☐ L-impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☐ Proposta/inizjattiva ta’ **dewmien illimitat**

– Implimentazzjoni b’perjodu ta’ bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita bi skala sħiħa tal-operat.

## *1.7. Il-metodu(i) ta’ ġestjoni previst(i)*[29]

☐ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** b’delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ entitajiet imwaqqfa mill-Komunitajiet[30]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni inkarigati mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

X **Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma’ pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali ***(li għandhom jiġu speċifikati)***

*Jekk jiġi indikat iktar minn mod ta’ ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

[29] Id-dettalji tal-modi ta’ ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq il-websajt tal-Baġit: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[30] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-Artikolu 19 tar-Regolament propost jeżiġi li l-Kummissjoni tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwalitattiv u kwantitattiv dwar l-attivitajiet li saru taħt dan ir-Regolament fis-sentejn ta' qabel. Dan ir-rapport fih, fost l-oħrajn, l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ matul is-snin kkonċernati.

Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament propost, il-Kummissjoni se twettaq qabel tmiem Ġunju tal-2018, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, evalwazzjoni f'nofs il-perjodu tal-effettività u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba permezz tal-FEG. Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni trid twettaq, bl-għajnuna ta' esperti esterni, valutazzjoni ex-post biex tkejjel l-impatt tal-FEG u l-valur miżjud tiegħu.

### *2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll*

#### *2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

Ir-riskji huma dawk marbuta mal-ġestjoni konġunta tal-Fondi Komunitarji.

#### *2.2.1. Il-metodu(i) tal-kontroll previst(i)*

Ir-rekwiżiti applikabbli għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju huma stabbiliti fl-Artikolu 20 tar-Regolament propost.

### *2.3. Miżuri li jipprevjenu l-frodi u l-irregolaritajiet*

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Il-miżuri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet huma stipulati fl-Artikolu 20 (1) (d) u fl-Artikolu 20 (2) tar-Regolament propost.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u tal-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | Linja baġitarja | Tip ta' **nefqa** | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Għadd [Deskrizzjoni**………………………...……… | AD/AMD (31) | **minn pajjiżi tal-EFTA**[32] | minn pajjiżi kandidati[33] | minn pajjiżi terzi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| mhux applikabbli | 04.0501 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<br><br>04.010414 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva<br><br>40.0243 Riserva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | DA | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitlubin

*Skont l-ordni tal-intestaturi u tal-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.*

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | **Linja baġitarja** | **Tip ta' nefqa** | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Għadd [Intestatura**………………………………….. **]** | Diff./mhux diff. | **minn pajjiżi tal-EFTA** | **minn pajjiżi kandidati** | minn pajjiżi terzi | fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| mhux applikabbli | Linja baġitarja ġdida se tkun mitluba għall-implimentazzjoni ta' parti mill-FEG mid-DĠ AGRI | [DA…] | /LE | /LE | /LE | /LE |

31 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
32 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
33 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)*

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **Għadd** | |
|---|---|---|

| DĠ: EMPL | | | Sena **2014**[34] | Sena **2015** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|
| • Approprazzjonijiet operazzjonali **PM** | | | | | |
| **In-numru tal-linja baġitarja** | Impenji | (1) | | | |
| | Ħlasijiet | (2) | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-envelopp ta' programmi speċifiċi[35] | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | |
| **TOTAL approprjazzjonijiet għad-DĠ** EMPL | Impenji | = 1 + 1a + 3 | | | |
| | Ħlasijiet | = 2 + 2a +3 | | | |

[34] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[35] L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji ex "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | |
| **TOTAL approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA EMPL** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | |

**Jekk aktar minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | |
| | Ħlasijiet | (5) | | | |
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | |
| **TOTAL approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI minn 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | |
| | Ħlasijiet | =5+ 6 | | | |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | 5 | “ **Nefqa** amministrattiva ” |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | | Sena **2014** | Sena 2015 | Sena 201 6 | Is-snin 2017-2020 | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: EMPL + AGRI | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 1.271 | 1.271 | 1.271 | 1.271 kull sena | **8.897** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.140 | 0.140 | 0.140 | 0.140 kull sena | **0.98** |
| **TOTALI** | | 1.411 | 1.411 | 1.411 | 1.411 kull sena | **9.877** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Ħlasijiet totali) | | | |

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | | Sena **N**[36] | Sena **N+1** | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL approprjazzjonijiet taħt INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | | | |
| | Ħlasijiet | | | |

[36] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **2014** | | Sena **2015-2020** | | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTALI** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip ta’ riżultati[37] | Spiża medja tal-output | Għadd | Kost | Għadd | Kost | Għadd | Kost | Għadd | Kost | Għadd | Kost | Għadd totali ta’ riżultati | Total spiża |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[38]... | | | | | | | | | | | | | | |
| Output | | | | | | | | | | | | | | |
| Output | | | | | | | | | | | | | | |
| Output | | | | | | | | | | | | | | |
| Is-subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2... | | | | | | | | | | | | | | |
| Output | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | |

[37] Ir-riżultati (outputs) huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[38] Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku(/ċi)…"

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | |

### *3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| | Sena 2014 [39] | Sena **2015** | Is-snin 2016-2020 | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|
| **L-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |
| Riżorsi umani | 1.271 | 1.271 | 1.271 kull sena | **8.897** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.14 | 0.14 | 0.14 kull sena | **0.98** |
| **Is-subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 1.411 | 1.411 | 1.411 kull sena | **9.877** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **'Il barra mill-INTESTATURA 5[40] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |
| Riżorsi umani | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTALI** | | | | | | |

[39] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[40] L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u/jew l-azzjonijiet (linji ex "BA"), ir-riċerka indiretta, ir-riċerka diretta.

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu tar-riżorsi umani

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-iktar sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

<table>
<tr><th colspan="2"></th><th>Sena<br>2014</th><th>Sena<br>2015</th><th colspan="3">L-istess għas-snin 2016 sa 2020</th></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 01 01 (Fil-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)</td><td>9</td><td>9</td><td colspan="3" rowspan="11">Bħal qabel</td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">10 01 05 01 (Riċerka diretta)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")</td><td>2</td><td>2</td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">XX 01 04 ss[41]</td><td>fil-Kwartieri ġenerali[42]</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>- fid-delegazzjonijiet</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">Linji oħra tal-baġit (speċifika)</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">TOTALI</td><td>11</td><td>11</td><td></td><td>11</td><td></td></tr>
</table>

**XX** hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit konċernat.

Il-ħtiġijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni diġà mogħtija biex tiġi ġestita din l-azzjoni u/jew riallokata fid-DĠ, ikkomplementati, jekk ikun il-każ, b'allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni fil-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

41 Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu linji "BA").

42 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– **X** Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti li jikkorrispondu.<br><br>Mhux applikabbli |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teżiġi l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[43].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>Mhux applikabbli |

### 3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2014** | Sena **2015** | ... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Speċifika l-korp* ta' ko-finanzjament | | | | | | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | |

43 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– **X** Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa 3 postijiet deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju kontinwu tal-baġit | Sena 2012 | Sena **2013** | … daħħal il-kolonni li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Artikolu ……........... | | | | | | |

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tal-infiq affetwata/i.

| Mhux applikabbli |
|---|

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| Mhux applikabbli |
|---|